Minuti tal-31 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Hamis 22 ta' Settembru, 2011. Il-laqgha nbdiet hin 16.45pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
| --- | --- |
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tad-29 u 30 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tad-29 u 30 laqgha gew approvati u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

1.2 Emanuel Muscat qal illi l-intrapriza li taghmel l-etching permezz tal-laser hija Horace Enterprises Ltd. Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab kwotazzjoni sabiex isiru in-numri tal-arbli tad-dawl kif kien deciz fil-laqgha precedenti.

1.3 Emanuel Muscat staqsa dwar 5.1 tal-Minuti tal-laqgha precedenti. Is-Sindku spjega illi l-wicc ser isir tal-imprint fejn il-Kunsill ser jipprovdi il-materjal necessarju.

**2. Kwotazzjonijiet ghat-transport**

2.1Gew trattati il-kwotazzjonijiet sottomessi minghand Joseph Custo', Ennio Farrugia, Paul Borg u Leo Grech. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li wara li jigi ccarati certu punti il-kwotazzjoni ghandha tinghata lil Joseph Custo' li ta' l-irhas prezzijiet in generali.

**3.OBIMED**

3.1 Gie spjegat illi d-data proposta sabiex issir il-laqgha li jmiss hija fit-22 ta' Ottubru gewwa l-Gharb.

3.2 Offerta Obimed's Technological Approach li ghalqet fi 19 ta' Settembru, 2011. Din tinkludi it-twaqqif ta' wifi, information kiosks, il-portal fejn il-farmhouses ser jirreklamaw, parti mill-istudju dwar il-kavallieri ta' Malta. Gie spjegat illi offerta wahda giet sottomessa

minghand Gaudos Projects Ltd ghall-ammont ta' €59059.00. Il-budget tal-offerta huwa ta' €61,000.00. Il-Kunsill qabel li ghandu jahtar espert sabiex jaghti l-parir tieghu dwar jekk l-offerta tilhaqx il-kriterji mitluba. Il-Kunsill qabel li jikkuntattja lil Ing. Patrick Buttigieg jew lil Arthur Neiper jekk dan ta' l-ewwel ma jaccettax. F'kaz li hadd ma jacceta ghandu jinsab sostitut sabiex ghal laqgha li jmiss ikollna rapport ta' Inginier kwalifikat.

**4. Aggornament dwar xogholijiet.**

4.1 Dwar ix-xogholijiet fit-toroq is-Sindku spjega illi intlahaq ftehim bejn il-kuntratturi Gatt Tarmac u Road Construction dwar tpartit ta'appalti ta' xogholijiet tal-WSC fejn issa ix-xogholijiet ta' bdil ta' mejnijiet ta' l-ilma fi Triq il-Knisja ser ikunu qed isiru minn Gatt Tarmac, l-istess kuntrattur li ser jaghmel ix-xoghol tat-tarmak tal-PPP ghall-Kunsill. Gie spjegat ghalhekk illi x-xogholijiet mill-Pjazza 'il barra ser ikunu qed isiru minn Gatt Construction filwaqt li xogholijiet mill-Pjazza 'il gewwa ser ikunu qed isiru minn Road Construction.

4.2Emanuel Muscat staqsa jekk peress li l-WSC ser tkun qed taghmel zewg trinek ghall-mejn ta' l-ilma fi Triq il-Knisja jekk ir-resurfacing huwiex ser isir min naha tal-WSC jew min naha tal-Kunsill. Is-Sindku spjega illi l-WSC ser tkun qed taghmel bdil tal-mejn tal-ilma peress li l-Kunsill ser jaghmel road resurfacing ghax li kieku dan ix-xoghol ma jsirx. Is-Sindku spjega illi wiehed ma jridx jinsa lanqas li l-Kunsill ga kiseb kontribuzzjoni mill-WSC ghal Triq il-Knisja.

4.4 Is-Sindku spjega illi x-xogholijiet fuq Triq tal-Gidi bdew. Dwar ix-xoghol fil-pjazez Pjazza Gerano u Pjazza hdejn ic-Centru Parrokkjali gie spjegat dawn iridu jinghataw spinta hekk kif jitlestew ix-xogholjiet fi Triq tal-Gidi. Ix-xogholijiet ghandhom jibdew l-ewwel fi pjazza hdejn ic-Centru Parrokkjali u jkomplu fi Pjazza Gerano.

4.5 Emanuel Muscat spjega illi l-grada li saret fi Triq Birbuba ga bdiet issirilha l-hsara.

4.6 Is-Sindku spjega illi ma l-ewwel xita residenza fi Triq Sdieri imtliet bl-ilma. Hawnhekk saret diskussjoni dwar il-kanal tal-ilma fi Pjazza Gerano jekk dan ghandux isir matul it-triq jew fil-genb tat-triq. Raymond Cassar ma jaqbilx ma l-idea li dan isir fin-nofs tat-triq peress li dan igarrab hsarat bit-toqol tal-vetturi li jghaddu minn fuqu. Wara diskussjoni gie deciz li ghandhom jintalbu zewg kwotazzjonjiet 1) kwotazzjoni ghall-kanal it-tip li sar gewwa Ghajnsielem 2) kwotazzjoni ghall-kanal fil-genb tat-triq.

4.7 Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xogholijiet li ser isiru mill-Ministeru ghal Ghawdex fi Triq San Lawrenz. Is-Sindku spjega illi l-Kunsill ghandu konferma bil-miktub li Triq Frangisk Portelli ser tkun qed tigi resurfaced min naha tal-Ministeru ghal Ghawdex. Gie spjegat ukoll illi patching magguri ser isir matul il-kumplament tar-rotta minn fejn ser ikun devjat it-traffiku. Is-Sindku spjega wkoll illi huwa mwieghed illi l-patching ser isir qabel ma tinghalaq Triq San Lawrenz.

4.8 Dwar patching fi Triq Birbuba il-Kunsill qabel li dan ghandu jsir mill-Kunsill bhala parti mill-kuntratt tal-PPP fl-intervalli fuq ix-xogholijiet fi Triq il-Knisja u Triq Trux. Is-Sindku

spjega illi intalbet l-ghajnuna tad-Dipartiment tal-kuntratti sabiex jitfassal il-kuntratt li ser jigi iffirmat mal-kuntrattur tal-PPP.

4.9 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-ground tal-futbol u dwar il-proposta tal-GTA li dan isir bit-turf artificjali. Is-Sindku spjega illi huwa kellem lil Darmanin Demajo dwar il-ground tal-Gharb li spjega illi dan il-ground mhuwiex ser isir fi zmien sena. L-ewwel preferenza li ser tkun qed tahdem fuqha l-GFA huwa l-ground ta' Kercem.

4.10 Dwar l-inawgurazzjoni tal-playing field, il-Kunsill qabel illi meta jitlestew ix-xogholijiet mill-Gharb Rangers FC gewwa l-kumpless sportiv ghandha ssir l-inawgurazzjoni tal-progett kollu.

4.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-preokkupazzjoni ta' residenti Tabone li ghandhom propjeta f'Triq Tumas Cassar dwar l-izvilupp propost mill-Kunsill ghaz-zona ta' quddiem il-ground fi Triq Tumas Cassar. Gie spjegat ukoll li Tabone infurmaw li quddiem il-MEPA hemm registrata persuna bhala objector ghal dan l-izvilupp propost.

4.12 Is-Sindku resaq ghal attenzjoni tal-Kunsill li xi residenti qed joggezjonaw ghax-xoghol propost sabiex issir wicc gdid bit-tarmak fiSqaq il-Fgura. Kien deciz li ghall-gid ta' kullhadd il-Kunsill ghandu jipprocedi bix-xogholijiet.

4.13 Il-Kunsill gie aggornat dwar l-andament tal-progett Gharb's cultural and touristic conservation project taht Mizura 323. Gie spjegat illi l-offerta tar-restawr kappella San Dimitri u l-kwotazzjoni studju dwar is-salib tal-pjazza regghu gew ippublikati u ser jaghlqu fid-29 ta' Settembru. Dwar l-offerta tar-restawr pont fi Triq Sdieri gie spjegat illi ser issir laqgha fuq il-post mal-kuntrattur u l-konsulent tekniku sabiex jigu iccarati x-xogholijiet sabiex jekk ikun hemm qbil ikun jista' jigi iffirmat il-kuntratt. Gie spjegat illi l-kuntratt tar-restawr tal-knisja taz-zejt intbaghat lill-kuntrattur sabiex jigi iffirmat. Dwar il-kuntratt tal-hitan tas-sejjieh gie spjegat illi jista' jkun hemm problema peress li l-kuntrattur maghzul lahaq dahal ghal impenji ohra u hemm il-possibilita' li mhux ser ikun jista' jonora il-kuntratt. Il-Kunsill qabel illi jekk dan ikun il-kaz ghandu jiehu il-bid-bond u jigi ikkunsidrat it-tieni l-irhas kuntrattur.

4.14 Dwar l-offerta tar-restawr kappella ta' San Dimitri gie spjegat illi l-konsulent tekniku irreveda il-kwantitajiet u l-hitan tas-sejjieh gew eliminati. Gie mnaqqas ukoll il-kwantita ta' travertine. Gie spjegat illi zewg offerti ingabru sa issa minghand MC Restauri u Baron Contracts Ltd.

4.15 Is-Sindku issugerixxa illi jekk ikun hemm savings mid-diversi kuntratti taht il-progett ta' Mizura 323 ghandha ssir talba lill MRRA sabiex dawn il-fondi ikunu utilizzati ghar-restawr tal-Pjazza u jigi imtejjeb il-materjal li ser ikun utilizzat ghall-pavimentar. Is-Sindku spjega illi apparti l-upgrading tal-pavimentar il-fondi jintuzaw ukoll ghall-bibien u galleriji. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir din it-talba u jigi verifikat jekk tistax tintuza' l-offerta li ga ghandu l-Kunsill jew inkella tridx tohrog wahda specifika ghall-progett.

4.16 Is-Sindku spjega illi huwa infurmat illi f'Malta il-cables tad-dawl qed jigu mghoddija mill-pipijiet. Il-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti ma l-Enemalta il-possibilita' li jitnehhew il-wires tad-dawl mill-Pjazza.

4.17 Raymond Cassar issuggerixxa illi l-fondi ghandu jintefqu biex jigi rrangat il-kanal tal-ilma fi Triq il-Madonna tal-Virtu' u jitkompla sal-pjazza. Is-Sindku spjega illi l-kanal tal-pjazza sar ricentement bil-pipijiet. Is-Sindku kompla jispjega illi l-fondi ta' Mizura 323 huma ghar-restawr izda l-Kunsill jista' jesplora l-possibilita' li jalloka fondi ohra sabiex isir ix-xoghol tal-kanal fi Triq il-Madonna tal-Virtu'. Il-Kunsill qabel li jingabru kwotazzjonijiet tax-xoghol ikkoncernat sabiex ikun hemm idea ta' x'somma hija involuta.

4.18 Is-Sindku spjega illi ser ikun hemm fi ftit zmien sejha ghal applikazzjoni taht Mizura 125 ghal passaggi fir-raba', liema applikazzjonijiet ser ikunu taht id-diskrezzjoni tal-MEPA. Is-Sindku spjega li ga kienet sieret talba simili taht il-mizura 313 pero ma kinitx accettata u li kienet tinkludi fost l-ohrajn it-toroq: Triq ta' Wied ir-Rapp, Triq minn Triq San Dimitri sa Triq Trux, Triq Ta' Maxuel, Triq min hdejn il-kamra tan-nar sa hdejn il-barumbara tal-Geziz, Triq tal-helu, Triq minn Birbuba 'il gewwa int u diehel ghall-istrument u Triq ta' Hris wara San Lawrenz. Kien hemm qbil li ghandu ikun ikkuntatjat il-perit sabiex jaggorna l-istejjem u issir it-thejjijiet neccesarji.

4.19 Il-Kunsill qabel li ghandu jsir patching bic-cement ta' hofra kbira li tinsab fil-parti ta' isfel ta' Triq Trux hdejn il-fabbrika tan-nar.

**5. Attivitajiet tal-Milied 2011.**

5.1 Il-Kunsill qabel li ghandha tigi ordnata is-sigra tal-Milied permezz ta' kwotazzjoni li kienet approvata precedentement. Il-Kunsill qabel li ghandu jgib kwotazzjonijiet ghat-transport – international courier, peress li dan huwa ghas-spejjez tal-Kunsill.

5.2 Il-Kunsill qabel illi ghandhom jinzammu l-kompetizzjonijiet tal-Milied marbuta mat-twieqi mzejjna u l-presepji. Ghandu jsir l-avviz relatat.

5.3 Il-Kunsill qabel ukoll illi lejn tmien is-sena ghandu jkun ippublikat il-magazin Lehen il-Punent. Ser jinbdew il-preparamenti mehtiega u l-kunsilliera gew mitluba ihejju l-messagg taghhom.

5.4 Il-Kunsill iddiskuta dwar attivitajiet ohra fejn gie deciz li ghandha tinzamm harga kulturali ghall-anzjani ghal Malta matul Ottubru. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha ssir harga kulturali ghat-tfal ta' l-iskola.

5.5 Dwar Seher il-Punent is-Sindku spjega illi huwa kellem lill-Arcipriet u li dan mhuwiex kontra li ssir attivita' religjuza.

5.6 Il-Kunsill iddiskuta dwar kaxxi tat-telefon mill-antiki l-homor fejn Emanuel Muscat ghandu kuntatt ta' furnitur u ser jghaddih lis-Sindku.

**6. Skeda ta' pagamenti.**

6.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

**7. Korrispondenza u materji ohra.**

7.2 Giet trattata korrispondenza mill-Arcipriet dwar talba ta' installazzjoni ta' bollards quddiem l-entratura taz-zuntier sabiex jigi evitat parkeggar ta' vetturi li jkunu ta' ostaklu ghad-dahla taz-zuntier kif ukoll talba sabiex isiru no parkings minhabba purcissjonijiet. Il-Kunsill laqa' dawn it-talbiet u qabel li ghandhom jigu stallati 2 bollards kif ukoll jitpoggew tabelli ta' no parking kif rikjest.

7.3 Emanuel Muscat staqsa x'inhi il-konnessjoni bejn il-Kunsill Lokali u l-banda peress li xi nies gibdulu l-attenzjoni dwar il-fatt li f'zewg kazi avvizi tal-banda dehru fuq in-naha ta' wara ta' avvizi tal-Kunsill. Huwa staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk dan jistax isir. Gie spjegat illi ser jittiehed parir tal-DLG dwar din il-materja. Is-Sindku spjega illi m'hemm l-ebda konnessjoni u talab lis-Segretarju Ezekuttiv tpoggi din il-materja fuq l-Agenda tal-laqgha li jmiss.

7.4 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:-

Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp: PA980/11, PA6080/08, PA990/11 u PA1007/11.

Skedwar ta' Propjeta' – Knisja Parrokkjali tal-Vizitazzjoni tal-Madonna lil Santa Elizabbetta.

7.5 Korrispondenza minghand Horace Enterprises Ltd dwar lista' ta' prodotti li huwa joffri.

7.6 Korrispondenza minghand is-Sezzjoni ta' l-Anzjani dwar kors tal-Universita' tat-tielet eta' f'Ghawdex 2011 – 2012.

7.7 Korrispondenza minghand il-Kumitat ta' l-Ghazla tal-Progetti dwar progett ERDF232 – Working towards a sustainable future (installazzjoni ta' pannelli solari madwar il-ground tal-futbol) fejn il-Kunsill gie infurmat li dan ma giex accettat minhabba nuqqas ta' provi ta' ko-finanzjament tal-progett. Is-Sindku spjega illi huwa kkuntattja is-sezzjoni tal-Eko-Ghawdex dwar il-possibilita' li dan il-progett ikun finanzjat mill-Eko-Ghawdex.

7.8Korrispondenza minghand OPAL fir-rigward ta' prodotti fil-qasam sportiv li huma jipprovdu.

7.9 Invit minghand il-Kunsill Lokali Sannat fir-rigward tal-ftuh ufficjali tan-Notte Scarlata.

7.10 Gew trattati kwotazzjonijiet minghand Shawn Paul Spiteri u minghand Michael Refalo ghall-ftuh ta' culvert fi Triq Birbuba. Il-Kunsill qabel illi jahdem bl-irhas kwotazzjoni minghand Shawn Paul Spiteri bil-prezz ta' €.93 *per metre run.*

7.11 Korrispondenza minghand is-Segretarju Parlamentari ghat-Turizmu fir-rigward ta' Consultation Draft of the National Environment Policy.

7.12 Korrispondenza mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fir-rigward ta' progett EGOV4U.

7.13 Korrispondenza mill-Ghaqda Hbieb tal-Presepju fir-rigward ta' lekcers dwar bini tal-Presepju.

7.14Korrispondenza mill-KNPD fejn sar *Accessibility Audit Report* fir-rigward tac-Centru Civiku.

7.15Mis-Segretarjat Parlamentari Kunsilli Lokali, hlas ta' ko-finanzjament finali tal-Progett ta' Wied il-Mielah u l-ewwel parti ta' ko-finanzjament fuq il-Progett OBIMED.

7.16Mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali konferma ta' kofinanzjament fuq il-Progett REVIVE – Alternative Energy for Gharb Recreational Area, kemm 'il darba dan il-progett ikun approvat mill-PPCD.

7.17Minghand Sherries Garden Centre fir-rigward ta' skema li qeghdin jintroducu lill-Kunsilli Lokali.

Il-laqgha spiccat hin 6.45pm.

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv